**MEDIA RELEASE – FOR IMMEDIATE PUBLICATION**

# Skopri Zorbbing fl-ilma f'Bay Street

Blalen Zorb, l-attrazzjoni interattiva tal-aħħar minn New Zealand li saru suċċess madwar id-dinja, se jaslu Malta f'nofs Lulju u jkomplu għaddejjin sa nofs Settembru. Permezz tal-Ballun Zorb, inti, il-ħbieb tiegħek u l-famila tiegħek tistgħu jkollkom l-eċitament li timxu fuq l-ilma.

Mgħarufin ukoll bħala Blalen Umani tal-Ħamsters, Zorbbing hu sport intensiv fejn tgerbeb f'pixxina kbira ġo ballul li jintefaħ. Skont ir-rivisti, il-Blalen Zorb ġabu skor perfett ta' 10!

Dawk li diġa' daħħlu ġewwa fuq idejhom u saqajhom u tgerbu madwar il-pixxina qalu li jkunu jidħqu l-ħin kollu u jidħqu iżjed meta jipprovaw iħabbtu ma' xi ħabib jew membru tal-familja ġo Ballun Zorb ieħor.

Din l-attrazzjoni f'Bay Street, San Ġiljan, jiftaħ f'nofs Lulju u jkun operat bejn it-Tnejn u l-Ħadd mill-10 a.m. sal-10 p.m., ħlief nhar ta' Erbgħa peress li kull nhar ta' Erbgħa Bay Street jospita *Live on the Green*, b'artisti lokali, mis-7 p.m. sad-9 p.m., sal-aħħar ta' Awwissu. Din l-attrazzjoni kif ukoll *Live on the Green*, jistabu fuq Level 0 ta' Bay Street.

Fost l-artisti li mistennija jieħdu sehem dan is-sajf f'*Live on the Green* hemm Tiziana, Mikaela & Owen, Access To Band, Qwiksand Band, Ben Purlle & Je Je, Fourthtune Band, Benji & Klinsmann, Why Not's Instruments u Yorika.

Skopri Zorbbing f'Bay Street dan is-sajf u tistgħu tistennew li se tieħdu gost kbir! Għal iktar informazzjoni, ċempel fuq 2138 0600 jew iżżur il-paġna ta' Bay Street fuq Facebook, www.facebook.com/baystreetmalta.

– TMIEM –